# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 8 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs.**

**Carmel Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Grima ta' 47 sena, iben Vincent u Maria Stella nee' Xerri, imwieled Valletta fit-2 t'Awwissu, 1959 u joqghod tar-Rabbat Block J, Flat 7, Triq G. Barbara, Hamrun ID 123259M

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 t'April, 2006 fil-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq ikkwalifikat mill-hanut Wembley Store fi Triq ir-Repubblika, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, u l-valur li jeccedi l-elf lira (Lm1,000) ghad-dannu ta' Joseph M. Gauci minn Santa Venera u/jew persuni ohra;

2. U aktar akkuzat talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serratura tal-hanut Wembley Store, liema hsara tiskorri l-Lm10 izda inqas minn Lm50, ghad-dannu ta' Joseph M. Gauci minn Santa Venera u/jew persuni ohra;
3. Akkuzat aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, wara li gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 20 ta' Marzu, 2007 (fol 120 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali.
(b) Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikolu 287 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2009 (fol. 119 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2010, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni hu kkonferma wara li nghata zmien biex jahsibha.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-ammissjoni tal-imputat stess, u mill-provi migjuba kontrih, il-Qorti issibu hati tar-reati kollha kontemplati fl-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Din, l-ammissjoni ma kinietx wahda bikrija, izda saret wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Mill-provi prodotti milli Prosekuzzjoni, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova r-reati in kwistjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, anke jekk din il-Qorti tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Mill-fedina penali aggiornata, ghalkemm mhix wahda felici, lanqas hi wahda allarmanti. Jirrizulta li l-imputat kien instab hati hames darbiet minn dawn il-Qrati, tlett darbiet minnhom ta' serq aggravat u ohra ta' ferita hafifa. Kopja ta' wahda mis-sentenzi li fiha nstab hati ta' serq aggravat giet ezebita mill-Prosekuzzjoni u hija dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Grima**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, fid-9 ta' Jannar 2001.

L-ammissjoni tal-imputat ma kinietx wahda bikrija, kif diga inghad, imma saret wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u ghalhekk meta l-imputat sab ruhu daharu mal-hajt iddecieda li jammetti, bl-isperanza li jiehu mitigazzjoni fil-piena. Pero' dan ma jistghax isir, ghax hu xorta hela l-hin tal-Pulizija u tal-Qorti.

Ir-reati ta' hsara involontarja u dak li wara li gie ikkundannat ghal serq kellu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal sgassar ta' serraturi, minghajr raguni valida, huma assorbiti f'dawk ta' serq aggravat, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, stante li servew bhala mezz ghall-fini sabiex sehh ir-reat ta' serq aggravat.

Pero', tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghalkemm huwa veru li kieku ma kienx ghal vigilanza tal-Pulizija, l-imputat seta' ezegwixxa r-reat, din il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix idonea fil-kaz odjern, u l-imputat ghandu jinghata l-ahhar cans sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita'.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat in-nota tar-rinvju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281, 325(1)(c) u 287 tal-Kodici Kriminali, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' tnejn u sittin Euro u disa' u tmenin centezmu (€62.89) – ekwivalenti ghal seba' u ghoxrin Lira Maltija (LM27.00) lill-parti leza fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti d-danni li kkaguna lill-parti leza.[1]

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe' f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

---

[11] Ara xhieda ta' Emanuel Gauci a fol 17-18 tal-process.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) – ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25.00), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ghodda li gew elevati u ezebiti f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**